**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 271/16 AL

**A B gja' C**

**- vs -**

**D M. C**

(MR Number 1882/2001)

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet tas-7 ta' Jannar, 2022 li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi fil-mori tal-kawza odjerna, il-partijiet irnexxielhom jaslu ghal separazzjoni konsenswali u fil-fatt il-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni gie ppubblikat min-Nutar Dorianne Arapa nhar l-10 ta' Dicembru 2021;

2. Illi effettivament, kif anke gie dikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom u kif anke jirrizulta mill-inkartament tal-Qorti, il-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto sa mis-sena 2016;

3. Illi jinghad illi ebda manteniment m'hu dovut bejn il-kontendenti u effettivament m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u fil-fatt huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi tenut kont tal-fatt li l-partijiet isseparaw konsenswalment, l-attrici qieghda permezz tal-prezenti, tirtira t-talbiet kollha tar-rikors guramentat intavolat minnha u dan salv ghall-ewwel talba u cioe` d-dikjarazzjoni ta' separazzjoni tal-partijiet; u bl-istess mod il-konvenut qed jirtira wkoll it-talbiet kollha tieghu salv ghall-ewwel talba li hija wkoll dikjarazzjoni ta' separazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi ghalhekk dan ir-rikors qed isir ai termini tal-artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-esponenti jixtiequ illi l-ewwel talba tar-rikors guramentat tigi konvertita ghal talba ta' divorzju;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u tal-konvenut fil-kontrotalba tieghu u dan salv ghaz-zewg talbiet ta' separazzjoni fir-rikors guramentat u fil-kontrotalba, kif konvertiti f'talba ghall-ottjeniment ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat illi t-talbiet principali u t-talbiet fil-kontro-talba gew ceduti, hlief ghall-ewwel talba.

Peress illi l-kondizzjonijiet kollha mehtiega mil-ligi biex zwieg jigi mahlul gew ippruvati,

Il-Qorti tilqa' t-talba.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti biex fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet kollha l-ohrajn illi gew ceduti, kif spjegat aktar ‘il fuq f’din is-sentenza.